MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 428/2001/1

**Dr. Adrian Delia LL.D**

**vs**

**Alfred Aguis u Anthony Tonna**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Gunju 2001 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta’ mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm186.00) rapprezentanti servizzi legali u spejjes gudizzjarji mhallsa mill-attur f’isem il-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenut Anthony Tonna fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi l-ammont pretiz huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2149© tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).
Illi l-ammont m'huwiex dovut u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost.
B'riserva ghal eccezzjonijiet ohra.

Ra li l-konvenut l-iehor Alfred Aguis naqas milli jidher u milli jipprezenta risposta.

Sema' x-xhieda tal-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenuti gew regolarment notifikati, naqsu milli jidhru meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' mija u sitta u tmenin lira Maltin (Lm186.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------